SCOUTS®
Nibnu Dinja Aħjar

THE *scout* ASSOCIATION OF MALTA

# Ħsieb Għall- Żmien il- Milied



Qegħdin ngħixu fis- sena 2015/16; fejn il- bniedem mehedi u mmexxi minn kultura ta' teknoloġija u mill- *media*. Fejn b'sempliċi għafsa ta' buttuna ssir taf x'qed jiġri f'kull rokna tad- dinja u fuq dak u fuq l- ieħor. Televiżjoni, Facebook, Twitter u eluf ta' siti oħra jgħinuna biex nintilfu nammiraw u nimitaw atturi, atleti professjonali jew ċelebritajiet u kantanti famużi. Qed ngħixu f' kultura fejn mhux dak li tagħmel l'aktar li jiġbed, iżda kemm għandek flus fil- kont tal- bank - b'dak li tagħmel li jinfluwenzana. *Role models* moderni, ħafna drabi qed jittrażmettulna dak li hu negattiv u b'hekk nistgħu nispiċċaw naħsbu li dak li hu tajjeb sar ħazin u dak li hu ħazin issa sar tajjeb - speċċjalment jekk il- *media* jippreżentawh bħala xiħaġa li hu 'OK' u allura aċċettabli.

Dak li gara f'dak l-għar ġewwa Betlehem madwar 2015 –il sena ilu, ma tantx jaf iqanqalna ħlief biex naħsbu x'se **n**ieklu, **n**ilbsu, **n**ixtru, **n**ordnaw jew **n**organizzaw. Is- Sħana tan- nifs fuq dik it -tarbija Alla, jew l-imħabba ta' dik l-omm li kienet taf li dak li twieled hu speċjali għall-umanita' ma tantx għadu jċaqlaqna jew jimpresjonana.



Dik it-tarbija Alla, twieldet bi skop speċifiku. Ġesu twieled biex ikun *role model*. Alla nnifsu twieled biex jurina kif ngħixu l- ħajja, niksbu l- ferħ veru u jkollna l- paċi. Twieled bħala tarbija umana biex jikber u jmut għalija u għalik. Twieled l-aqwa *role model*.

Dan il- Milied ejja nneħħu ftit il- ħarsa tagħna minn fuq dawk li poġġejna fuq pedestal u niffokaw fuq dak li ġara eżatt f'dak l-għar. Twieled biex jurina l- imħabba, l- maħfra, l- ħniena, l-ubbidjenza, r- rispett, il- verita', il-paċenzja u l-altruiżmu... valuri li qegħdin jiddgħajfu bil- minuti.

**Twieled *Role Model* - ejja niċċelebrawh billi nimitawh!**

Nawguralkom il-Milied it-tajjeb.




**Joanne Pisani**
Spiritual development leader

**Fgura Scout Group**
62, Triq il-Kuluvert, Fgura FGR 1855 - Malta
Tel: (+356) 2182 2635 • E-mail: gsl@fgurascouts.org • Web: www.fgurascouts.org
Full Member of The Scout Association of Malta